II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/693

tas-7 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 481/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi ta' kooperazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 ([2]) jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet marbuta mal-persunal għall-programmi ta' kooperazzjoni. Dik id-dispożizzjoni tirreferi għall-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dwar l-eliġibbiltà u l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati. Dawn l-Artikoli, kif emendati bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), kif ukoll l-Artikolu 68a tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, kif introdott bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ġew ristrutturati. Jenħtieġ għalhekk li r-referenzi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u għall-istruttura tal-Artikolu 3(3) sal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 481/2014 jiġu emendati skont dan.

(2) L-implimentazzjoni tal-punt (i) tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 481/2014 dwar wieħed miż-żewġ metodi għall-kalkolu ta' rata fis-siegħa fir-rigward tal-karigi part-time tal-persunal b'għadd flessibbli ta' sigħat maħduma għal kull xahar, kienet diffiċli li tiġi applikata fil-prattika, b'mod partikolari fil-każijiet li fihom id-dokument tal-impjieg ma jistipulax il-ħin tax-xogħol ta' kull xahar, iżda l-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa. Jenħtieġ għalhekk li l-punt (i) tal-Artikolu 3(6) ta' dak ir-Regolament jiġi emendat sabiex tiġi kkalkulata rata unika fis-siegħa abbażi tal-għadd ta' sigħat maħduma għal kull xahar. Jenħtieġ li dan il-metodu jqis ukoll id-differenzi bejn l-Istati Membri u l-kuntratti ta' impjieg fir-rigward tal-liv annwali u l-festi pubbliċi, kif speċifikat fid-dokument tal-impjieg individwali, skont il-liġi jew ftehimiet konklużi mis-sħab soċjali (impjegaturi u impjegati) fil-livell tal-impjegatur ta' membru speċifiku tal-persunal jew fil-livell tas-settur rilevanti jew fil-livell nazzjonali. Din il-kjarifika jenħtieġ li tapplika għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu kemm hu sabiex jiġi żgurat sett koerenti ta' regoli, jiġifieri mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 481/2014.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi ta' kooperazzjoni (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 45).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(3) B'konformità mal-Artikolu 149(3a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament kienu soġġetti għal konsultazzjoni mal-esperti dežinjati minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]).

(4) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza ġuridika u biex id-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet emendati tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li japplikaw mit-2 ta' Awwissu 2018 jew qabel f'konformità mal-Artikolu 282 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jinżammu kemm jista' jkun baxxi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 481/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-kostijiet marbuta mal-persunal jistgħu jiġu rimborżati:

(i) b'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (kif ipprovat permezz tad-dokument ta' impjieg u r-riċevuti tas-salarju); jew

(ii) fl-għamla ta' skala standard ta' spejjeż għal kull unità b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 67(1), mal-paragrafu (2), mal-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu (3) u mal-paragrafu (4) tal-Artikolu 68a ta' dak ir-Regolament; jew

(iii) f'għamla ta' somom f'daqqa b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 67(1); jew

(iv) f'għamla ta' finanzjament b'rata fissa b'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 67(1) u mal-Artikolu 68a(1) ta' dak ir-Regolament.";

(2) il-punt (a) tal-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) perċentwal fiss tal-kost tal-impjieg gross b'konformità mal-Artikolu 68a(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; jew";

(3) jitħassar il-paragrafu 5;

(4) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fir-rigward tal-karigi part-time msemmija taħt il-punt (b) tal-paragrafu 4, ir-rimborż tal-kostijiet marbuta mal-persunal għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' rata unika fis-siegħa ddeterminata billi:

(i) jiġi diviż il-kost gross tal-impjieg ta' kull xahar bil-medja tal-ħin tax-xogħol ta' kull xahar espressa f'sigħat filwaqt li jitqies il-ħin tax-xogħol kif stabbilit fid-dokument ta' impjieg kif ukoll bħalma huwa stabbilit skont il-liġi jew ftehimiet bejn is-sħab soċjali fil-livell rilevanti; jew

(ii) jiġi diviż l-aktar kost tal-impjieg gross annwali riċenti ddokumentat, b'1 720 siegħa.

Ir-rata fis-siegħa għandha tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' sigħat li jkunu effettivament inħadmu waqt l-operazzjoni.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 4 tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-14 ta' Mejju 2014.

([1]) Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER